

32006L0083

20.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 362/97

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/83/KE****tat-23 ta' Ottubru 2006**

**li tadatta d-Direttiva 2002/4/KE dwar ir-reġistrazzjoni tan-negozji stabbiliti tat-trobbija tat-tiġieġ li jbidu, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 56 tal-Att ta' Adeżjoni, fejn azzjonijiet li jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jitolbu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma ġewx previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-adattamenti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-każi kollha fejn il-Kummissjoni adottat l-att oriġinali.
- (2) L-Att Finali tal-Konferenza li fasslet it-Trattat ta' Adeżjoni indikat li l-Partijiet Kontraenti Għoljin laħqu ftehim politiku dwar sett ta' adattamenti fuq atti adottati mill-Istituzzjonijiet meħtieġa minħabba l-adeżjoni u li l-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jadottaw dawn l-adattamenti qabel l-adeżjoni, kompluti u aġġornati fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE tat-30 ta' Jannar 2002 dwar ir-reġistrazzjoni ta' negozji stabbiliti tat-trobbija tat-tiġieġ li jbidu, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE<sup>1</sup> għalhekk għandha tkun emendata skont dan,

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2002, p. 44.

## ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 1*

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE hija emendata kif inhu stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw l-aktar tard sad-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dwak id-dispożizzjonijiet mid-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġett għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

*Artikolu 4*

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fi Brussell, 23 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
*Olli Rehn*  
*Membru tal-Kummissjoni*

**ANNEX****L-AGRIKOLTURA****IL-LEĠIŻLAZZJONI VETERINARJA U FITOSANITARJA****LEĠIŻLAZZJONI VETERINARJA**

32002 L 0004: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE tat-30 ta' Jannar 2002 fuq ir-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti tat-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE (ĠU L 30, 31.1.2002, p. 44), hekk kif emendata mill-:

- 12003 T: Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Il-lista f'Parti 2.2 tal-Anness hija mibdula minn dan li ġej:

'AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja

---

ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	L-Olanda
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
UK	Ir-Renju Unit.'